**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 79/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**-vs-**
**Antoine Galea**

**Illum, 12 ta' Frar, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Antoine Galea, u detentur tal-Karta tal-Identita' numru 398895(M);

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Frar 2019 fil-hinijiet ta' bejn 1200hrs u 1300hrs gewwa Haz-Zabbar:

1. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lyon Buhagiar I.D. 0004005L, hekk kif iccertifika Dr Anton Tran (Med Reg 5900) mill-Isptar Mater Dei;
2. Ikkaguna griehi ta' natura hafifa ta' importanza zghira fuq il-persuna ta' Edward Buhagiar I.D. 149381M, hekk kif iccertifikat Dr Ruth Buttigieg (Med Reg 4248);
3. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied;
4. Kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, kif ukoll dagha u kliem fahxi.

Il-Qorti ġiet ġentilement mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Antoine Galea a beneficcju ta' Edward Buhagiar u familjari tieghu u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghall-persuni ta' Edward Buhagiar u familjari tieghu jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Antoine Galea b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Eman Hayman, qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 5 ta' Frar 2019 quddiem din il-Qorti.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', dikjarazzjoni mmarkata bhala Dok EH1, fedina penali mmarkata bhala Dok EH2, certifikat tat-twelid immarkat bhala Dok EH3, okkorrenza mmarkat bhala Dok EH4, stqarrija mmarkata bhala Dok EH5, certifikat immarkat bhala Dok EH6, certifikat immarkat bhala Dok EH7, passaport u karta tal-identita' tal-imputat immarkati bhala Dok POL1, affidavit ta' Dr Anton Tran, rapport tal-espert Dr Mario Scerri mmarkat bhala Dok MS1 u prime note tal-espert Dr Mario Scerri mmarkati bhala Dok MS2, dettalji ta' vettura mmarkati bhala Dok TM1

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil l-Ispettur Eman Hayman, lil PC 699 Carlos Farrugia, lil PC 1489 Jason Attard, lil Jacqueline Galea, lil Dr Mario Scerri u lil Vanessa Camilleri

**L-Ispettur Eman Hayman** jghid li fit-3 ta' Frar 2020 kien inqala argument bejn Edward Buhagiar u Antoine Galea ghaliex Galea kien ghamel uzu minn airhorn u qajjem lil Buhagiar. L-Ispettur Hayman kompla jispjega li umbaghad iktar tard gewwa Triq Hadd in-Nies, allegatament Buhagiar saq ghal fuq Galea u hemm inqalghet glieda u hargu l-familjari tat-tnejn, bit-tifel ta' Buhagiar jispicca jittiehed l-Isptar wara li qalgha daqqa tajba fuq wiccu. L-Ispettur Hayman spjega wkoll li Buhagiar kellu griehi ta' natura hafifa u li kemm Buhagiar kif ukoll Galea, f'kaz separat gew imresqin bl-akkuzi kontrihom.

**PC 699 Carlos Farrugia** jghid li fit-3 ta' Frar kien mar fi Triq Hadd in-Nies fejn kien hemm argument u x'hin wasal ra mutur mixhut mal-art u helmet imwadab ftit 'il fuq gol-haxix. Huwa kompla jghid li ha l-verzjoni ta' Antoine Galea fejn dan qallu li kienu hebbew ghalih Edward, martu u t-tifel ta' Edward, li ommu u missieru kienu hargu jippruvaw iferquhom u li l-mara ta' Edward kienet qelbitlu l-mutur u dahhlet il-karozza fil-garaxx. PC 699 jispjega li l-familja ta' Edward bdew jheddu lil Antoine u lill-genituri tieghu li joqtluhom. Huwa kompla jzid li meta ha l-verzjoni ta' omm Antoine, Jacqueline, li kienet fl-ambulanza din qaltlu li kienet harget biex tipprova tferraqhom meta l-mara ta' Edward qabditha minn xagharha u tefghetha mal-art.

**PC 1489 Jason Attard** jghid li s-Surgent infurmah li wara telefonata kienu marru fuq il-post tal-argument, fejn sabu mutur mal-art fi Triq Hadd in-Nies, f'kantuniera ma' Triq Pawlu Scicluna, u ftit 'il boghod sabu familja b'Antoine mal-art. Huwa jispjega li kienu qalulhom li nqala xi argument fuq 'parking', Antoine kien qalilhom li kellu xi jghid ma' Edward u li Edward qalilhom li Antoine kien sawwat lit-tifel tieghu Leon. PC 1489 ikkonferma li huwa ma kienx prezenti meta ttiehdet il-verzjoni ta' Antoine u lanqas ma kien ra l-incident.

**Jacqueline Galea** tghid li ma tixtieqx tixhed stante li l-imputat jigi t-tifel taghha.

**Dr Anton Tran** fl-affidavit tieghu jghid li huwa ezami lil Lyon Buhagiar fit-3 ta' Frar, 2019 u li sab li kellu *"a nasal bone fracture, with septal deviation to the right*". Huwa jghid ukoll li kien irreferut ghal aktar 'follow ups' fl-'ENT outpatients'.

**Dr Mario Scerri** jghid li fittex fir-'records' tal-Isptar u sab id-dokumenti orginali fejn jghidu li dahal id-Dipartiment tal-ENT u meta rah it-tabib tal-ENT dan kiteb li kellu frattura tan-'nasal bone', 'deviation' tas-'septum', li rriducielu, li l-pazjent qal li jkollu ugiegh ta' ras u 'frontal headaches' u li ddiscargjah. Huwa jghid ukoll li 'X-Rays' ma kienx hemm, pero' tal-ENT qalu li ghandu frattura ghax jittrumbjaw f'imniehru. Huwa zid li jekk kellu frattura tan-'nasal bone' din hija lesjoni ta' natura gravi 'per durata' u kompatibbli ma' 'blunt trauma' madanakollu ma setax jikkonferma li hekk kien ghax fuq l-allegat vittma ma sabx ingurji kif ukoll ma kienx hemm xrays li seta' jezamina. Dr Scerri spjega li bhala trattament m'hemmx u li jekk din iddahhalha f'postha iddum sitt gimghat biex tghaqqad wahidha.

**Vanessa Camilleri**, rapprezentata ta' Transport Malta, ipprezentat dokument TM1 bid-dettalji tal-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FCJ 683 li huwa rregistrat f'isem Antoine Galea.

Rat in-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Marzu, elfejn u ghoxrin (2020) fejn hija dehrilha li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub:

a. Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-Artikoli 214, 21, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-Artikolu 338(m) 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-Artikoli 383, 384, 385, 412C u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tat-22 ta' Lulju, 2020 il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'dan il-kaz, hadd mix-xhieda okulari f'dan l-incident ma xehdu. Edward Buhagiar ma xehdx biex ma jinkriminax ruhhu stante li kienu ghaddejin proceduri fil-konfront tieghu fuq l-istess mertu, u ibnu Lyon Buhagiar ma xehedx ghall-istess raguni. Ghalhekk hawnhekk l-unika prova li tezisti dwar dak li seta' gara fil-mument ta' l-akkadut huwa dak li jghidu t-tobba u l-ufficcjali tal-pulizja li investigaw il-kaz.

Illi dwar il-ksur f'imnieher Lyon Buhagiar, jirrizulta minn certifikat li nghata mit-tabib Anton Tran li rah waqt li huwa dahal l-isptar izda ma kienx l-istess tabib li segwa dan l-allegat ksur. Ghalhekk sabiex jigi ikkonfermat jekk Lyon Buhagiar sofriex minn debilita' permanenti kellu jinhatar l-espert mediko legali Dr. Mario Scerri, li meta ezamina lill-istess Lyon Buhagiar ma sabx li kellu ksur u dan peress li ma setax jikkonfermah ladarba jirrizulta li X-Rays min-naha ta' l-isptar ma sarux, ghalhekk il-griehi gravi baqghu ma gewx ikkonfermati.

Ghal din ir-raguni l-Qorti ma jirrizultaliex li l-imputazzjonijiet gew ippruvati.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Antoine Galea hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**